MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

24 ta' Marzu 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fiċ-Ċentru Papa Ġwanni Pawlu II li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, Ħ'Attard, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Mhux kulħadd kien preżenti u fil-ħin.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Kien hemm tliet ittri ta' apoloġiji li ġew aċċettati marbuta maċ-ċirkustanzi preżenti tal-Covid 19.

Is-Sur Victor Galea wasal ma' tmiem il-laqgħa.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

10.3.1 ***Il-Ħidma tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill fis-sitwazzjoni preżenti ta' Covid 19***

Is-Sur Cordina qal li l-Uffiċċju għalaq il-bibien għan-nies b'mod fiżiku imma xorta għadu joffri l-istess servizzi li kien joffri qabel. Anzi żied jgħid li qed isiru sforżi mill-istaff biex persuni b'diffikultajiet biex jaċċedu sistemi *online* jinqdew xorta. Qal li bosta permessi issa qed isiru *online* imma min m'għandux aċċess għal sistemi ta' *internet banking,* ċekkijiet jew *credit cards* qed jiġu aċċettati kontanti u tintbagħtilhom irċevuta bil-posta.

Iddaħħlet linja oħra tat-telefon *mobile* biex fl-eventwalità li niġu *lockdown* ikun hemm linja waħda ta' mezz ta' kuntatt mar-residenti.

10.3.2 ***YouSafeAttard.***

Is-Sur Cordina qal li tnieda grupp ġdid bħalha mezz ta' komunikazzjoni. Dan joffri informazzjoni speċifika fuq il-Covid 19. Hu qal li diga' hemm il-fb page u grupp li huma attivi ħafna imma galadarba l-Assoċjazzjoni nidiet dan il-grupp wieħed jinkludi nies fih kemm jista'. Dr. Helen Caruana qalet li forsi biex jitħajjru iktar nies isir *mailshot* lir-residenzi kollha ġewwa Ħ'Attard. Dan is-suġġeriment se jiġi kkunsidrat iktar il-quddiem.

10.3.3 ***Tisqija ta' pjanti fi Triq il-Linja (parti mill-programm ta' restawr tal-Embankment)***

Is-Sur Cordina qal li Infrastructure Malta sponsorjat valur sostanzjali ta' pjanti fi Triq il-Linja imma naturalment biex dawn jiġu mantnuti hemm bżonn ta' servizz ta' *dripping* u manutenzjoni. Għaldaqstant il-kuntrattur li għamel ix-xogħol ġie mitlub biex jipprovdi kwotazzjoni għal *drip system* u manutezjoni. Din id-*drip system* tiswa €2820 minħabba li hemm 110 pjanta u tul ta' madwar 2000 metru *drip,* filwaqt li l-manutenzjoni hi ta' xi €412.50 oħra fix-xahar għall-perjodu ta' sena imbagħad jew jiġi estiż jew jiżdied mal-kuntratt eżistenti tal-ġardinara.

Dr. Caruana saqsiet jekk hemmx xi mezz ieħor li jistgħu jintalbu kwotazzjonijiet oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jistgħu jintalbu pero' r-respons anka peress li diġà ntalbu oħrajn għall-ġonna oħra ma kienx tajjeb u li bħalissa problema biex iġġib kwotazzjonijiet fis-sitwazzjoni li qegħdin biex bniedem jiġi *onsite.*

Il-Kunsill qabel li la ċ-ċirkustanzi huma kif inhuma, għal din id-darba biss qed japprova dawn l-ispejjeż.

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.4.1 L-Avukat Silvio Brincat

- Saqsa fuq il-ħajt tal-fabbriki min-naħa ta' Triq il-Linja jekk hux ha ssir manutenzjoni fuqu bħal ma qed isir bħalissa fi Triq Tursin ir-Riħ.
- Hemm siġra sserraħ fuq arblu tad-dawl fi Ġnien Misraħ Kola. Is-Sur Cordina qal li ġa hemm applikazzjoni għall-żbir imma l-ERA ma tridx taċċetta li tinqata' l-fergħa imma jitqaċċat jew jitqassar l-arblu u dan żgur mhux estetikament vijabbli u possibli.
- Talab sabiex jitnaddaf il-*bus stop* fi Triq l-Imdina faċċata ta' Mount Carmel u biex jiġi ċċekkjat id-dawl tal-pont li jaqsam għal Triq il-Wied ta' Rmiedi.

## 10.5 Rapporti

10.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 10.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

10.6.1 Ma kienx hemm iktar *Items*.

## 10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

10.7.1 Approvati wara li s-Segretarju Eżekuttiv elenkat l-aħħar żidiet.

## 10.8 Mozzjonijiet; u

10.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 10.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' April 2020 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 27 ta' April 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |